ŻEBBUĠ

**MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN Nru. 29/2012**
***Kontinwazzjoni tas-Seduta tat-8 ta' Mejju 2012***
***Kienet addottata Aġenda nru. 25/2012***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: Il-Ħamis, 24 ta' Mejju 2012**

**Ħin: Fis-2.30 ta' wara nofsinhar**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emmanuel Debono – Viċi Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur George Sacco – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Saliba.

## TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## KORRISPONDENZA

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat komunikat mill-Beach Cleaning Section dwar xogħlijiet li hemm bżonn isiru f' Marsalforn qabel is-sajf. Il-Kumitat ftiehem li jitlob għal laqgħa mal-Ministru għal Għawdex dwar dawn ix-xogħlijiet.

Il-Kumitat approva:-

- spiża ta' €240 biex isir *sandblasting* ta' bankijiet ta' fuq il-*promenade* ta' Marsalforn.
- taħt Triq Sta Marija, isiru tabelli li juru 'Bbqs mal-art mhux permessi'.

Komunikat mibgħut mir-Reġjun ta' Għawdex dwar tabelli tat-traffiku li hemm bżonn isiru f' Marsalforn.

## IL-PROMENADE TAL-QBAJJAR

Il-Perit Scerri li kien preżenti għall-laqgħa qal għandna niffukaw l-aktar fuq il-*playing equipment*, ir-*railings* u s-sistema tad-dawl. Il-Perit qal hu tal-parir li l-*playing equipment* li hemm jinqala'. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet importanti li l-applikazzjoni mal-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għall-UIF tkun *phased* b' tali mod li l-ispiża kull darba ma teċċediex is-€70,000.

Il-Kumitat qabel li l-*playing equipment* kollu jinqala' biex jitneħħa l-periklu. Il-Kumitat iddeċieda li jiġbor kwotazzjonijiet mingħand tlett individwi.

Dwar il-qtugħ ta' bruk barra r-*railings* wara l-gabbana, ġie deċiż li jintalbu kwotazzjonijiet.

Saret diskussjoni fit-tul dwar iż-żewġ ħaddiema li l-Kunsill għandu f' Marsalforn. Intqal li għandu jsir programm ta' xogħol għal dawn iż-żewġ ħaddiema.

Dwar is-sett ta' pjanti li pprepara l-Perit fir-rigward ta' *traffic management* f' diversi toroq, dawn se jkunu preżentata mill-Perit lill-Perita ta' Transport Malta fil-laqgħa tal-Ġimgħa l-1 ta' Ġunju.

## ĠMIEL IR-REBBIEGĦA

Il-Kumitat approva l-programm tal-attivita' Ġmiel ir-Rebbiegħa. Il-Kumitat għażel il-kwotazzjoni ta' 2ceemedia għal kiri ta' sistema tad-dawl u pa system (kienet l-irħas kwotazzjoni €708.20)

Il-Kumitat iddeċieda li jagħmel żewġ *banners* għand Refalo Signs waħda għax-Xatt u oħra għal Triq ir-Rabat u jistampa *leaflet* daqs A5 *full colour* għand BCD Printing.

Dwar il-*bumping cars*, ġie deċiż li għal dan is-sajf jintramaw il-ġewwa minn fejn intramaw is-sajf li għadda pero' l-barra minn kif miftiehem fl-aħħar laqgħa biex iħalli minn fejn tgħaddi karozza.

Kien miftiehem li jsir kuntatt mat-Taqsima Agrikoltura biex jinżabru s-siġar fil-bokka tal-wied.

## ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

KAM 10/2012 – iċ-Chairperson Marija Saliba

Biex titwaħħal mera tat-traffiku fi Triq ix-Xagħra faċċata ta' Triq is-Sajjied. Il-Kumitat approva t-twaħħil ta' mera.

KAM 13/2012 – is-Sur George Sacco
Issuġġerixxa li:

- jitpoġġa l-passaġġ tal-injam fuq il-Bajja ta' Marsalforn – se jitpoġġa mill-ħaddiema tal-Kunsill.
- titnaddaf u titfannad il-*pool* ta' wara ċ-ċint tal-Menqa – issir *site visit* mill-Perit.
- jitkabbar il-*promenade* u l-pjazzetta ta' Għar Qawqla – issir *site visit* mill-Perit.
- ta' min hi r-responsabbilita' biex jitneħħew il-karrijiet tad-dgħajjes li hemm fil-Menqa u minflok jitpoġġew fl-*area* mnaddfa apposta mill-Ministeru għal Għawdex fil-*car park* – se jsir kuntatt ma' Ms Claire Xuereb, Ministeru għal Għawdex.
- jogħlew iż-żewġ *bridges* ta' Triq il-Wied b' tali mod li l-ilma tax-xita jgħaddi bla ma tfur it-triq.

KAM 14/2012 – Albert Lupi
Talab biex issir manutenzjoni tar-rixtellu li hemm fit-taraġ maġenb il-*belvedere* ta' Triq Sta Marija. Ix-xogħol se jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

KAM 15/2012 – Martin Calleja
Tiswija ta' rampa li nqalgħet bil-maltemp fil-Bajja ta' Għar Qawqla. Ix-xogħol se jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

## AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fil-5.15 ta' filgħaxija u l-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die*.

**Maria Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***